# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Citaz.  numru:  376/98 M1 NA**

**Raymond Fauzza**

**vs**

**Kevin Magri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Anthony Farrugia Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoniipprezentata mill-attur fl-24 ta' Frar, 1998 illi permezz taghha l-istess attur ippremetta:

Illi l-konvenut nomine odjern kien ipprezenta citazzjoni li ggib in-numru 765/96GC fl-ismijiet 'Kevin Magri nomine –vs- Raymond Fauzza' illi permezz taghha kien ippremetta illi l-attur odjern huwa debitur tal-konvenut nomine odjern fis-somma ta' elf, mija u disgha u disghin lira Maltija u tlett

centezmi u tlett millezmi (Lm1,199.03,3) bilanc minn somma akbar prezz ta' merkanzija varja lilu mibjugha u kkonsenjata, illi dan id-dejn kien cert likwidu u dovut u talab il-kundanna hlas bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikolu 167 *et seq.* tal-Kap. 12, bl-ispejjez kollha u bl-imghax;

Illi b'sentenza moghtija fis-16 ta' Dicembru, 1996 din l-Onorabbli Qorti, fil-kontumacja tal-attur odjern, kienet laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-istess attur odjern ihallas lill-konvneut nomine odjern is-somma reklamata ta' Lm1,199.03,3;

Illi s-sentenza fl-ismijiet premessi kienet effett ta' zball li jidher mill-atti tal-kawza;

Illi minkejja li l-indirizz 'Tabre House', Triq il-Wasliet, Swieqi indikat fic-citazzjoni kien zbaljat, sar tentattiv, li rrizulta fin-negattiv, sabiex l-attur odjern, konvenut fl-imsemmija kawza, jigi notifikat f'indirizz iehor u cioe' 'Venus', Flat 3, St. George's Bay, St. Paul's Bay;

Illi mir-riferta ezebita fil-process tal-kawza fuq imsemmija irrizulta illi l-attur odjern kien ircieva c-citazzjoni personalment

fl-indirizz ‘Jim’, St. Luke’s Road, Gwardamangia fil-21 ta’ Awissu, 1996, izda dan huwa fatt infondat peress illi f’dik id-data stipulata l-attur odjern ma kienx joqghod fl-indirizz indikat izda kienu joqoghdu hemm il-genituri tieghu, u ghalhekk kien impossibbli li l-konvenut ircieva din l-istess citazzjoni personalment;

Illi in oltre missier il-konvenut, John Fauzza, li kien ircieva c-citazzjoni hu stess, permezz ta’ nota ipprezentata fid-29 ta’ Awissu, 1996 kien irritorna lura din ic-citazzjoni lill-Qorti fejn iddikjara dan;

Illi inspjegabilment b’digriet taghha tal-31 ta’ Ottubru, 1996 din l-Onorabbli Qorti ordnat l-isfilz ta’ dan id-dokument peress illi skond ir-riferta l-attur odjern, konvenut f’dik il-kawza, kien gie notifikat u fil-kontumacja tieghu din l-istess Onorabbli Qorti ipprocediet biex taghti s-sentenza taghha ad insaputa tal-attur odjern li qatt ma kien gie notifikat personalment;

illi l-attur odjern sar jaf biss b’din il-kawza b’kumbinazzjoni meta tnaqsitlu l-paga mill-‘Park Hotel’ per konsegwenza tal-Mandat ta’ Sekwestru 326/98 mahrug mill-konvenut odjern u ezegwit fuq l-istess paga;

Illi hu fatt illi l-attur qatt ma gie notifikat bic-citazzjoni minkejja r-riferta pozittiva fuq imsemmija kif jista' jigi ippruvat u ghalhekk hemm lok ghal ritrattazzjoni;

Illi kif jigi ppruvat fir-rexissorju, it-talbiet maghmula mill-konvenut nomine odjern fil-konfront tal-attur odjern fic-citazzjoni fuq imsemmija huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-attur odjern m'ghandu jaghti xejn lill-konvenut nomine odjern;

Illi l-attur qieghed permezz ta' din ic-citazzjoni jinvoka r-ritrattazzjoni tal-kawza fuq imsemmija a bazi tal-artikolu 811(b) u (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

TALAB li din il-Qorti:

1. tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Dicembru, 1996; u

2. tordna r-ritrattazzjoni tal-istess kawza fl-ismijiet premessi ai termini tal-artikolu 811(b) u (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-attur u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata, il-lista tax-xhieda, l-elenku tad-dokumenti u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tal-eccezzjonijietipprezentata mill-konvenut nomine illi permezz taghha huwa eccepixxa:

1. Preliminarjament in-nullita' tac-citazzjoni billi ma gewx sodisfatti r-rekwiziti imposti mill-artikolu 815 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' ma nghatatx garanzija ghall-ispejjez fit-termini tal-artikolu 249 tal-Kap.12.

2. Fil-mertu, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li Raymond Fauzza kien gie notifikat personalment, u ghalhekk huma irrilevanti l-indirizz jew indirizzi indikati fl-atti; mhux necessarju li konvenut f'kawza jigi notifikat fl-indirizz tar-residenza tieghu; ma jistax jinghad, ghalhekk, la li l-konvenut ma kienx gie notifikat u lanqas li d-decizjoni ttiehdet bi zball li jirrizulta mill-atti.

3. Salvi dejjem eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata, il-lista tax-xhieda, l-elenku tad-dokumenti u d-dokumenti ezebiti mill-konvenut nomine.

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fis-7 ta' Lulju, 1999 illi permezz tieghu din il-Qorti tat il-fakulta' lid-difensur tal-attur biex fi zmien tliet gimghat jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut nomine, bil-visto jew notifika tal-kontroparti li jkollu tlett gimghat zmien ghar-risposta, filwaqt illi l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-15 ta' Settembru, 1999;

Rat ir-rikors prezentat mill-attur illi permezz tieghu huwa talab estensjoni taz-zmien biex huwa jipprezenta n-nota tieghu;

Rat id-digiret ta' din il-Qorti moghti fit-2 ta' Awissu, 1999 illi permezz tieghu gie akkordat l-estensjoni taz-zmien sal-ahhar ta' Settembru, 1999;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Settembru, 1999 illi permezz tieghu l-attur inghata estensjoni ulterjuri taz-zmien ghall-prezentata tan-nota ta' sottomissjonijiet sat-30 ta' Novembru, 1999, filwaqt li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Rat illi l-partijiet naqsu milli jipprezentaw ebda nota ta' sottomissjonijiet rigwardanti l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut nomine;

Ikkunsidrat:

Il-konvenut nomine eccepixxa in linea preliminari in-nullita' tac-citazzjoni billi ma gewx sodisfatti r-rekwiziti imposti mill-artikolu 815 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' ma nghatatx garanzija ghall-ispejjez fit-termini tal-artikolu 249 tal-Kap.12.

L-artikolu 815 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi kif gej –

"Fil-Qrati Superjuri u fil-Qrati Inferjuri t-talba ghar-ritrattazzjoni f'Qorti ta' l-ewwel grad ghandha ssir b'citazzjoni u quddiem il-Qorti fi grad ta' Appell b'rikors:  flimkien mal-prezentata tar-rikors ghandha tinghata l-garanzija ghall-ispejjez skond l-Artikolu 249."

Minn naha tieghu l-Artikolu 249 tal-Kap. 12 jipprovdi illi fil-kaz ta' appelli minn sentenzi jew digrieti moghtija f'kawza mibdija b'citazzjoni, il-garanzija ghall-ispejjez, f'dik is-somma li tigi

ffissata mir-Registratur tal-Qorti u notifikat b'avviz lill-appellant, ghandha ssir u tigi depozitata fil-Qorti, jew b'flus likwidu jew b'garanzija bankarja, ta' mill-anqas jum qabel ma jibda jinstema' dak l-appell.

Huwa car u manifest illi din il-procedura tad-depozitu ta' garanzija ghall-ispejjez hija applikabbli f'kaz ta' appelli maghmula minn digrieti jew sentenzi moghtija mill-Qrati Superjuri.

Mid-dicitura ta' l-Artikolu 815 tal-Kap. 12 invokat mill-konvenut nomine, jirrizulta b'mod car illi meta t-talba ghar-ritrattazzjoni ssir quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad, kif inhu l-kaz odjern, tali talba ghandha ssir permezz ta' citazzjoni, filwaqt li meta t-talba ghar-ritrattazzjoni ssir fi grad ta' appell, tali talba ghandha ssir b'rikors u huwa f'dak il-kaz biss illi huwa mehtieg li tinghata garanzija ghall-ispejjez.

Ghaldaqstant fil-kaz odjern zgur illi ma jistax jinghad li tissussisti n-nullita' tac-citazzjoni promotrici stante li ma nghatatx il-garanzija ghall-ispejjez peress illi tali garanzija ghall-ispejjez ma tapplikax fir-rigward ta' talbiet ghar-ritrattazzjoni promossi b'citazzjoni fil-Qrati ta' l-ewwel grad.  Di

fatti, kieku kien hemm il-htiega skond il-ligi illi l-attur f'kawza ta' ritrattazzjoni quddiem Qorti ta' l-ewwel grad jaghti garanzija ghall-ispejjez, kieku kien jinkombi fuq ir-Registratur tal-Qorti li jinnotifika lill-attur b'avviz illi permezz tieghu javzah bis-somma stipulata bhala garanzija ghall-ispejjez u javzah ukoll bil-konsegwenzi li jkun hemm jekk jonqos milli jiddepozita tali garanzija, u dan mill-inqas ghaxart ijiem qabel is-smiegh tal-kawza, u dan kif jirrizulta ai termini ta' l-Artikolu 209 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi din l-Onorabbli Qorti qieghdha tichad l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut nomine u tiddifferixxi l-kawza ghall-prosegwiment tas-smiegh fil-meritu ghat-28 ta' Jannar 2002 fl-10.30 a.m.

L-ispejjez ta' dan l-episodju huma a karigu tal-konvenut nomine.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.